**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Marzu, 2016**

Talba Numru: 484/2013JB

Kawza Numru: 2

**Perit Lino Bianco**

***vs***

**Denise Vella**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-21 ta' Awwissu 2013 li permezz tieghu l-Attur, talab li l-Konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' hames mija u sebgha u sittin euro u sitt centezmi (€567.06), jew somma verjuri, rapprezentanti dritt ghal prestazzjonijiet professjonali rezi minnu fuq inkarigu tal-istess Konvenuta, u VAT, u dan in konnessjoni ma' hsarat strutturali u *condition report* dwar il-fond 5, Triq Aruna, Mgarr, skont kont finali tal-1 ta' Gunju 2012. Talab ukoll l-ispejjez, inkluzi dwak tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Mejju 2013, u tal-ittra ufficjali ezekuttiva datata 24 ta' Gunju 2013, u l-imghaxijiet legali mill-21 ta' Mejju 2013 sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-24 ta' Ottubru 2013;

Ra li l-Konvenuta, debitament notifikata, laqghet ghal din l-azzjoni billi nhar il-25 ta' Settembru 2013 ipprezentat risposta li permezz taghha eccepiet dan li gej:

> Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan ghas-segwenti ragunijiet:
> a) illi l-ammont pretiz mill-attur huwa ferm inqas minn dak pretiz minnu;
> b) illi fi kwalunkwe kaz l-ammont hu eccessiv

Ra r-rikors tal-Konvenuta tas-7 ta' Marzu 2016 fejn talbet it-twaqqif tal-proceduri u l-provvediment tal-istess jum fejn it-Tribunal cahad it-talba;

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-kontendenti;

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;

Ikkunsidra;

Illi l-kawza odjerna tirrigwarda talba ghall-hlas ta' servizzi professjonali rezi mill-Attur lill-Konvenuta. Il-Konvenuta qed tilqa' ghal din l-azzjoni billi tghid li l-ammont reklamat hu esagerat.

Illi mill-assjem tal-provi, irrizulta dan li gej:

L-Attur xehed (a fol 12 sa 14) u stqarr li fuq inkarigu tas-Sur Brandon Pisani u tal-Konvenuta, huwa kien zamm access fiz-zewg fondi taghhom, u wara li ha xi ritratti u ra l-*files* tal-MEPA, ghamel *assessment* tal-konsenturi li kienu jinsabu f'dawn il-fondi, liema *assessment* wasslu sabiex irrediga rapport tekniku. Minn dan ir-rapport (a fol 15 *et seq*) jirrizulta li l-konsenturi ma kienux kosmetici u ghalhekk l-Attur irrakkomanda li Pisani u l-Konvenuta ghandhom jaghmlu kuntatt mal-Awtorita' tad-Djar sabiex bhala l-bejjiegh taghmel dawk ix-xogholijiet rimedjali li kienu necessarji. L-Attur rega' xehed (a fol 29) u spjega li d-dokument LB 6 huwa l-ahhar kont mahrug minnu li jirraprezenta l-ammont pretiz ta' €567.06, liema kont jinkludi s-somma ta' erba' mija u tnejn u disghin euro u sitt centezmi (€492.06) bhala sehem il-konvenuta mir-rapport a fol 15 *et seq*, kif ukoll is-somma ta' hsma u sebghin euro (€75) bhala hlas addizzjonali ta' parir li huwa ta lill-konvenuta separatament. Meta xehed in kontro-ezami (a fol 37 sa 39) l-Attur spjega li huwa kien zamm tliet accessi li komplessivament kienu damu ghal madwar siegha u dan peress li apparti li dahal fil-fondi ta' Pisani u tal-konvenuta, huwa dar il-garaxxijiet proprjeta' ta' terzi. L-Attur kompla jzid li wara li rrediga r-rapport, kienet saret laqgha fl-ufficju tieghu, ghal liema laqgha kienu attendew kemm Pisani u kif ukoll il-Konvenuta bis-sieheb taghha, u f'din il-laqgha wara li ghaddielhom kopja tar-rapport, tahom il-kont. Huwa spjega li filwaqt li Pisani hallas sehemu mill-kont, il-Konvenuta baqghat ma hallsitx. Meta rega' xehed in kontro-ezami (a fol 41 sa 44) l-Attur ikkonferma li hu ltaqa' mal-Konvenuta diversi drabi. Jghid li l-*assignment* tieghu kien li jirredigi rapport u dan irredigih. Jghid li hu ghamel ir-rapport, ta pariri, irrilaxxja zewg kopji tar-rapport u idderiga lill-klijenti sabiex jiehdu passi legali. L-Attur ikkonferma li l-pjanti li jidhru a fol 18 u 19 inghataw lilu mill-Konvenuta. Jghid li sabiex ikun jista' jaghti l-parir tieghu, kellu jaghmel xi ricerka ghand il-MEPA. L-Attur xehed ukoll dwar il-fatt li hu ffattura wkoll €75 inkluz il-VAT wara li l-Konvenuta damet madwar siegha u kwart ghandu l-ghada li nghatat ir-rapport u peress li sussegwentement kien hemm xi laqgha ohra maghha. Aktar tard qal li barra dawn il-laqghat baghat ukoll ittra li kopja taghha tinsab a fol 25.

Min-naha taghha, il-Konvenuta xehdet (a fol 63 sa 65) li l-eccezzjoni taghha hija fis-sens li l-ammont pretiz mill-Attur huwa eccessiv, u dan ghaliex fil-fehma taghha onorarju ragjonevoli jkun ta' madwar mija u hamsin euro (€150) liema ammont jinkludi l-VAT. Hija stqarret li minhabba xi konsenturi li kienu feggew fil-proprjeta' taghha, il-gâr taghha Pisani kien informaha li kien ser jitlob lill-Attur, li kien habib tieghu, sabiex jaghmel rapport u li hi kienet kuntenta li jitqabbad l-Attur. Il-Konvenuta tghid li l-Attur kien mar fuq il-post darba wahda biss. Hi zzid tghid li wara li kienu ltaqghu gewwa l-ufficcju tal-Attur, hi u s-sieheb taghha regghu marru ghandu u spjegawlu li l-kont kienu rawh gholi. Hi deherilha li l-ammont kien esagerat u kkonfermat li ma kienx hemm ftehim dwar drittijiet mal-Attur. Meta regghet xehdet il-Konvenuta (a fol 80 u 81) stqarret li l-Perit Bianco kien qalilha li hu ghandu tmien impjegati x'ihallas. Tghid li hi qatt ma rceviet l-ittra a fol 25 u li kuntrarjament ghall-ittri l-ohra li baghatilha, din l-ittra ma kienetx registrata. Hi stqarret li ma rceviet l-ebda servizz minn dak in-nhar li inghatat ir-rapport 'il quddiem ghad li tikkonferma li saru laqghat

minhabba fil-kont. Tghid li imbaghad ghamlet rapport lill-Kamra tal-Periti u sussegwentement giet notifikata bl-atti tal-odjerna kawza. In kontro-ezami stqarret li ma kienetx taf bil-kwalifiki tal-Attur fil-geologija.

Ikkunsidra;

Illi l-kwistjoni odjerna ddur madwar servizzi prestati mill-Attur lill-Konvenuta u ohrajn. L-ohrajn jidher li hallsu l-onorarju pretiz mill-Attur fil-waqt li l-Konvenuta (ghad li mhijiex qed tichad li l-Attur haqqu rikompens ghal xogholu) qed tinsisti li l-ammont minnu pretiz huwa esagerat u jimmerita temperament.

Il-kwistjoni jidher li hi msensla fuq zewg kontijiet: wiehed ammontanti ghal €984.12 sabiex jinqasam min-nofs, mahrug mar-rapport li rrediga l-Attur (a fol 22) u iehor ta' €75 mahrug lill-Konvenuta biss nhar l-1 ta' Gunju 2012 (a fol 26). It-Tribunal sejjer iqis dawn iz-zewg kontijiet separatament prevja li jaghmel xi kunsiderazzjonijiet ta' dritt rilevanti ghall-kaz odjern.

Skond l-Att dwar il-Periti (Kap. 390) il-ministru responsabbli jista', wara konsultazzjoni mal-Kamra tal-Periti, jagħmel regolamenti għall-għemil ta' tariffa ta' drittijiet li għandhom jitħallsu lil detenturi ta' *warrant* ta' Perit għal xogħol u servizzi professjonali mhux imsemmija fit-Tariffa K tal-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12). It-Tariffa K tal-Iskeda A tal-Kap. 12 tipprovdi d-drittijiet li ghandhom jithallsu lill-Periti. Din it-tariffa giet fl-ahhar snin emendata sabiex illum, l-ahhar paragrafu taghha u cjoe paragrafu 20 jipprovdi kif gej:

> (a) Id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' din it-Tariffa m'għandhomx iżommu lil Perit u l-klijent, milli jilħqu ftehim fuq dritt, jew il-bażi ta' kif għandu jiġi stabbilit id-dritt li jkun differenti minn dak hekk stabbilit b'din it-Tariffa, u f'kull każ bħal dak għandu japplika d-dritt miftiehem jew il-bażi li fuqu dan ikollu jiġi stabbilit, li ma tkunx bażi projbita bil-liġi, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dawn is-subparagrafi li ġejjin:
>
> **Iżda, f'kull każ, il-Perit għandu jinforma lill-klijent dwar id-dritt, jew il-bażi ta' kif għandu jiġi stabbilit id-dritt qabel ma jiġi provdut is-servizz.** [1]
>
> (b) Għall-għanijiet ta' dan il-paragrafu, ftehim li jkollu x'jaqsam mad-drittijiet għandu jsir bil-miktub.

Il-Konvenuta tghid li hi staqsiet u li l-Attur wegibha li kienu se jirrangaw fil-waqt li l-girien li rrikmandaw lill-Attur kien qalu li kienu jafu lill-Attur u li jisperaw li dan ma jiehux gholi. L-Attur jichad. Mill-assjem tal-provi madankollu jirrizulta car li ma ntlahaq l-ebda ftehim dwar id-drittijiet qabel ma gew rezi l-prestazzjonijiet da parti tal-Attur kif lanqas ma jidher li l-Attur informa lill-Konvenuta dwar id-dritt, jew il-bażi ta' kif għandu jiġi stabbilit id-dritt qabel ma gie provdut is-servizz.

Illi l-abbli difensur tal-Attur fit-trattazzjoni taghha tghid li t-Tariffa K ma tapplikax ghall-kaz odjern peress li l-prestazzjonijet kienu relatati mal-geolgija. It-Tribunal qies bir-reqqa din it-Tariffa u wasal ghall-konkluzjoni (wara li qies b'daqstant reqqa wkoll ir-rapport li ta lok ghal din il-kawza) li l-paragrafu 15 (Drittijiet Mixxelanji) jista' japplika ghall-kaz odjern. Japplika wkoll paragrafu 18 dwar spejjez. It-Tribunal sejjer ghalhekk jirriproduci l-partijiet rilevanti:

[1] Enfasi tat-Tribunal

Paragrafu 15 jipprovdi *inter alia* kif gej:

(a) Għal servizz żgħir mhux provdut għalih xort'oħra ................................................ €1.54
(b) Għal servizz importanti mhux provdut għalih xort oħra ....................................... €4.66
(ċ) Drittijiet bil-ħin: F'każijiet meta jkun miftiehem bejn il-perit u l-klijent illi d-dritt għandu jkun fuq bażi ta' ħin, id-dritt għandu jkun €3.49 is-siegħa, iżda, meta l-perit jeħtieġ l-għajnuna ta' assistent, id-dritt għandu jiżdied b'€0.93 is-siegħa

Imbaghad Paragrafu 18 jipprovdi li "*Id-drittijiet murija f'din it-Tariffa għandhom, filkażijiet kollha, ikunu minbarra l-prezz tal-kopji ta' dokumenti, spejjeż ta' traġitt u l-ispejjeż l-oħra kollha mhux ġa provdut għalihom*".

It-Tribunal ma jistax jifhem kif fiz-zminijiet li qeghdin nghixu fihom, tariffi bhal dawn ghandhom ikunu elenkati f'ligi. Ironikament, kieku tali tariffi kellhom jigu applikati jaqghu taht il-paga minima nazzjonali! Ghalhekk, fejn jirrigwarda tariffi li huma manifestament baxxi, it-Tribunal iqis li ma jkunx ekwu li dawn jigu applikati b'mod rigidu. Dan xejn ma jnaqqas mid-dmir (gjaladarba l-ligi taghti soluzzjoni verjuri) li l-perit koncernat (li hu tenut konsapevoli tat-Tariffi ridikoli li tipprovdi l-ligi) li jiftiehem bil-quddiem u bil-miktub ma' klijent qabel ma jespleta l-inkariku tieghu. Fuq kollox hu car li l-Perit ghandu jinforma lill-klijent dwar il-hlas lilu spettanti.

Dan igibna sabiex inqisu l-ewwel kont u cjoe dak a fol 22 fejn il-prestazzjonijiet huma dettaljati u li jammonta ghal €984.12 u li kellu jinqasam fi tnejn. Dan il-kont irid jinqasam fi drittijiet ghal parir, access, kunsiderazzjoni tal-fatti konstatati u kitba tar-rapport li jammontaw ghal €780 oltre l-VAT imbaghad hemm spejjez ta' *digital scanning* u stamper li jammontaw ghal €54 oltre l-VAT.

Illi ghat-Tribunal tali prestazzjonijiet professjonali jistghu jingabru flimkien u dan ghaliex ma jistax ikun hemm rapport jekk ma jsirx qabel xejn l-access u lanqas ma jista' jigi redatt rapport jekk ma jkunx hemm kunsiderazzjoni tal-fatti konstatati u kitba tar-rapport. Dan kollu jikkostitwixxi parir professjonali. Minn ezami tar-rapport a fol 15 jidher bic-car li l-Perit ghamel ricerka dwar permessi (liema ricerka tista' ssir fuq il-portal tal-MEPA fuq l-internet), ghamel access, ikkonstata l-konsenturi, ha xi ritratti, u ta parir li jikkonsisti f'li l-klijenti tieghu ghandhom jitkellmu ma' min bieghlhom il-post sabiex jaghmel ix-xogholijiet. Mhemm l-ebda kalkolu jew konstatazzjonijiet li fil-fehma tat-Tribunal jehtiegu xi specjalizazzjoni partikolari. Ir-relazzjoni fiha tliet faccati. Fil-fehma tat-Tribunal tali relazzjoni, maghduda r-ricerka li setghet anke saret fil-bini tal-MEPA, u x-xoghol mehtieg ghall-kitba u l-ippaginar tar-rapport minn perit ta' esperjenza li skond l-istess rapport il-kredenzjali tieghu jinkludu dottorat minn Sofia u zewg lawrji fil-grad ta' *Masters* fil-Geologija u fl-Arkittettura minn Londra, oltre ghall-kwalifika patria ta' Perit, ma kellhiex tiehu aktar minn sitt sieghat liema hin jinkludi skambji mal-klijenti u l-access. Ir-rapport huwa deskrittiv u ma jistax jinghad li min irredigih espona ruhu ghal xi responsabbilita partikolari oltre dak li normalment mistenni minn perit. Fil-fehma tat-Tribunal, u tenut kont li x-xoghol sar fl-2012, rata ta' sebghin euro (€70) fis-siegha kienet tkun gustifikata. Din ir-rata jidher li hi gustifikata anke mill-kont stess tal-perit (a fol 22) fejn ghal access ta' siegha gewwa l-Imgarr ta' Malta, l-Attur esiga l-hlas ta' tmenin euro (€80). Ghalhekk, sitt sieghat bis-€70 jaghmlu erba' mija u ghoxrin euro (€420) li t-Tribunal sejjer jarrotondixxi ghal erba' mija u hamsin euro (€450) oltre l-VAT u dan minflok €780 oltre l-VAT kif reklamat mil-Attur.

Fejn imiss ma' spejjez ma ngiebu ebda ricevuti. Issa r-rapport a fol 15 fih seba' faccati – l-ewwel tliet faccati huma kitba u kwindi setghu saru facilment bl-iswed fuq l-abjad fil-waqt li l-ahhar erba' faccati hemm pjanti u ritratti li gew stampati bil-kulur. Il-kwalita jidher li

mhijiex xi wahda ta' kwalita superlattiva. Id-*digital scanning* jidher li jirreferi ghal *scanning* ta' tliet pjanti li l-Konvenuta forniet. Ma jidhirx li tali pjanti kienu ta' xi daqs kbir. It-Tribunal iqis li l-ammont reklamat in linea ta' spejjez hu esagerat izda mhuwiex jintalab dritt ghat-tragitt lejn l-Imgarr u lura. Ghalhekk, wara li qies paragrafu 18 tat-Tariffa K, sejjer it-Tribunal jaccetta l-ammont reklamat ta' €54 rotondat ghall-pratticita ghal hamsin euro (€50).

Illi fir-rigward tal-kont a fol 26, irid jinghad li minn dak li stqarr l-Attur fix-xhieda tieghu, dan ikopri laqgha li saret bejn il-Kontendenti l-ghada li nghataw ir-rapport flimkien mal-ewwel kont, laqgha ohra, kif ukoll ittra datata 10 ta' April 2012. Il-Konvenuta qieghda tghid li wara li sar ir-rapport hija ma talbet ebda prestazzjoni da parti tal-Attur u qed tghid ukoll li l-ittra a fol 25 qatt ma waslet ghandha fil-waqt li l-laqghat li saru kienu jirrigwardaw il-kont li hi rat esagerat. Fil-verbal tas-seduta tas-7 ta' Marzu 2016 gie verbalizzat mill-Attur li x-xoghol addizzjonali kien jinkludi ittri u laqghat mal-Awtorita tad-Djar sabiex jispjegalhom ir-rapport. Dan jikkuntrasta max-xhieda tal-istess Attur. Issa t-Tribunal ezamina l-ittra a fol 25 li hi indirizzata lill-Konvenuta stess u fi ftit kliem tghid li l-Konvenuta kienet taf bil-konsenturi u kwindi dawn ma kienux difetti mohbija u ghalhekk hu gie inkarigat *in mala fede*. Bir-rispett kollu, hu car li l-Attur kiteb din l-ittra minn jeddu u certament mghandux jippretendi hlas tal-hin li hela. It-Tribunal lanqas ma jista' jifhem x'utli seta' kien hemm b'din l-ittra hlief li ssir pressjoni fuq il-Konvenuta sabiex thallas il-kont. L-istess ghal-laqghat imsemmija, jidher bic-car mill-assjem tal-provi li dawn il-laqghat saru sabiex jigi diskuss il-kont u l-prestazzjonijiet tal-Perit Bianco. Mhemmx dubju li tali laqghat kienu jimpurtaw hela ta' hin ghall-Attur izda hu car ukoll li l-iskop taghhom kien li tinstab soluzzjoni bonarja ghall-kont mertu tal-kawza. Mhuwiex ragjonevoli – almenu fis-sistema taghna – li tali skambji jimpurtaw hlas. Fil-fehma tat-Tribunal, jekk ma kienx hemm lok ghal trattativi tali laqghat lanqas kellhom ghalfejn isiru. Fi kwalunkwe kaz, il-kont ta' €75 inkluz il-VAT a fol 26 mhuwiex gustifikat u ghalhekk din il-parti tat-talba sejra tigi michuda.

Ghalhekk fil-fehma tat-Tribunal, onorarju gustifikat ghall-Attur kellu jkun ta' hames mitt euro (€500) oltre l-VAT li fuq tali somma jammonta ghal disghin euro (€90) li flimkien jaghmlu hames mija u disghin euro (€590). Tenut kont tal-principju tal-ekwita li t-Tribunal huwa kostrett isegwi, ghandu jittiehed kont tal-fatt li l-Attur diga thallas kwazi hames mitt euro (€500) minghand il-konjugi Pisani. F'dan il-kuntest u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet l-ohra hawn maghmula, it-Tribunal sejjer, prevja li jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Konvenuta, jittempera l-ammont reklamat minghand il-Konvenuta ghas-somma ta' mija u tmenin euro (€180) inkluz il-VAT.

Fejn imiss ma' spejjez, in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, it-Tribunal iqis li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi fil-waqt li jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Konvenuta fejn din qed tghid li l-ammont pretiz hu esagerat, jilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' €180 u konsegwentement jikkundanna lill-Konvenuta thallas din is-somma lill-Attur. In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-Partijiet.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*